**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1213/2015 AF**

**Mafimex Limited**

**vs**

**Saviour Muscat u martu Patricia Muscat u fil-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2018, il-Qorti ordnat li isem Patricia Muscat ghandu jaqra Patricia Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors mahluf tas-socjetà attrici Mafimex Limited, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Is-socjetà attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u tnax-il Ewro u tmien centezmi (€23,912.08) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' frott u haxix mibjugh bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjetà

attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirrizulta mill-anness *statement* (Dok. 'ML 2').

L-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tal-istess socjetà attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjetà attrici, l-konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati ripetutament sabiex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u tnax-il Ewro u tmien centezmi (€23,912.08) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' frott u haxix mibjugh bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenuti mis-socjetà attrici fuq inkarigu tal-istess konvenuti u dana kif jirrizulta mill-anness *statement* (Dok. 'ML 2').

Bl-ispejjez, inkluzi dawk il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment pprezentat fl-ismijiet premessi, u l-imghaxijiet legali sal-jum tal-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawza giet appuntata ghall-udjenza tas-7 ta' April 2016 u peress illi l-Qorti qieset li l-konvenuta biss seta' kellha

eccezzjonijiet xi tressaq, inghatat ghoxrin jum zmien sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha ghar-rikors mahluf tal-attrici.

Rat is-sentenza li nghatat fil-konfront tal-konvenut tas-7 ta' April 2016.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuta Patricia Muscat li permezz taghha eccepiet illi:

It-talba tas-socjetà rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjetà rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma gie kkonsenjat l-ebda oggett lill-esponenti kif imsemmi fil-premessi tat-talba.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjetà rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kwalunkwe negozju li ghalih qieghed isir referenza mis-socjetà rikorrenti f'din il-kawza sar ad insaputa tal-esponenti u ghalhekk il-konvenuti Saviour Muscat dahal unikament fin-negozju mas-socjetà rikorrenti u dan anke in vista li l-konvenuti ilhom de facto separati ghal fuq minn erba' (4) snin.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjetà rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont riklamat huwa in konnessjoni man-negozju tal-konvenut Saviour Muscat, tali att ta' negozju jikkostitwixxi att straordinarju ai termini tal-Artikoli 1324 u 1330(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk mhuwiex dovut mill-esponenti u dan kif anke kkonfermat mill-istatement anness mar-rikors guramentat promotur u mmarkat bhala Dok. ML2, statement li huwa indirizzat lil konvenut Saviour Muscat in konnessjoni man-negozju tieghu.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjetà rikorrenti hija kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjetà rikorrenti sabiex tressaq prova dwar l-allegat ammont dovut u fi kwalunkwe kaz, dan huwa kkontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għall-kundanna ta' mara miżżewġa għall-ħlas ta' kreditu rigwardanti negozju li seħħ bejn il-kreditur u r-raġel tagħha. L-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' €23,912.08, rappreżentanti bilanċ ta' frott u ħaxix mibjugħ bl-ingrossa lil żewġha l-konvenut. Permezz ta' sentenza datata 7 ta' April 2016, il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut stante li ma deherx quddiem il-Qorti dakinhar illi r-rikors ġie appuntat għas-smigħ sabiex jikkontesta t-talbiet attriċi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi tissuplixxi frott u ħaxix bl-ingrossa lill-ħwienet. Wieħed mill-klijenti tagħha kien il-konvenut li kien jiġġestixxi ħanut tal-frott u ħaxix. Il-konvenuti kienu miżżewġin iżda sseparaw *de facto* fl-2011. Huma sseparaw legalment fil-mori tal-kawża u ċioè permezz ta' kuntratt pubbliku datat 5 ta' Settembru 2016.

Mhux kontestat li l-konvenut waqa' lura fil-pagamenti dovuti lill-attriċi għall-provvista ta' frott u ħaxix b'dan illi sa meta ġiet intavolata l-kawża kellu kont pendenti ta' €23,912.08.

Il-konvenuta ma kellha xejn x'taqsam man-negozju li kien jiġġestixxi l-konvenut għaliex meta fetaħ il-ħanut huma kienu diġa separati *de facto*. Kienet taf illi l-konvenut kien fetaħ ħanut għaliex kienu qalulha t-tfal iżda qatt ma daħlet fih u marret biss darba quddiemu sabiex tiġbor lit-tifla. Il-konvenuta tgħid li lanqas biss kienet taf illi l-konvenut kellu d-

dejn mal-attriċi sakemm ġiet notifikata bir-rikors maħluf. Tgħid illi lill-konvenut kienet kellmitu kemm-il darba wara li ġiet intavolata l-kawża u dejjem jgħidilha li ser jibda jħallas xi ħaġa fix-xahar lill-attriċi.

Il-konvenut xehed quddiem il-Qorti fejn ammetta li l-ammont huwa dovut u li huwa qiegħed jagħmel minn kollox sabiex ikompli jħallas imma mhuwiex qiegħed iħallas b'mod regolari. Iżid jgħid illi l-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn man-negozju.

Skont l-*istatements* eżebiti mill-attriċi, sal-14 ta' April 2016 il-bilanċ dovut kien ta' €23,879.58. Jirriżulta li fil-mori tal-kawża l-konvenut għamel xi pagamenti. Minkejja li l-attriċi obbligat ruħha li tagħmel nota ta' riduzzjoni, din baqgħet ma saritx. Mark Mizzi għall-attriċi xehed biss li fis-sena 2017 kienu saru tlett pagamenti fl-ammont komplessiv ta' €1300. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tqis illi l-bilanċ li għad fadal jitħallas sal-lum huwa ta' €22,579.58.

Bejn il-konvenuti kienet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti ladarba huma kienu miżżewġin u jgħixu Malta u qatt ma għamlu att pubbliku sabiex jeskludu l-komunjoni.

Il-pern tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuta huwa li d-dejn għandu jkun a karigu esklussiv tal-konvenut stante li kien hu li kien imexxi n-negozju u hi ma bbenefikatx minn dan in-negozju għaliex dak iż-żmien kienu diġa separati *de facto*. Il-konvenuta ssostni li hija m'għandhiex tħallas għaliex ppartecipat fin-negozju, u li l-konvenut għamel att ta' amministrazzjoni straordinarja mingħajr il-kunsens tagħha li allura ma torbotx lill-komunjoni tal-akkwisti a tenur tal-artikolu 1324 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 1324 tal-Kap. 16 jaqra hekk:

> *"Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss mill-miżżewġin, ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in*

> *relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja."*

Mill-provi m'hemmx dubju li l-atti mwettqa mill-konvenut kienu atti normali ta' ġestjoni kummerċjali. Hu kien jiġġestixxi attività kummerċjali u n-negozju sar fl-isfond ta' din il-ġestjoni. Il-konsenji u akkwisti bl-ingrossa, u t-tip ta' arranġamenti għall-ħlas bħal ma kienu dawk tal-kawża tal-lum huma normali fil-kummerċ.

A tenur tal-Artikolu 1322(2)(g) tal-Kap. 16, il-liġi tqis l-akkwist ta' proprjetà mobbli li l-prezz tiegħu ma jitħallasx mal-konsenja jew qabel, kif hekk jidher li huma l-akkwisti tal-merce f'dan il-każ, bħala att ta' amministrazzjoni stroardinarja u, konsegwentement, tali att, kif ikoll il-jedd li wieħed iħarrek jew jiġi mħarrek dwaru, imiss liż-żewġ miżżewġin flimkien.

Madanakollu, il-liġi stess toħloq eċċezzzjoni għal din ir-regola fejn si tratta '*atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju, jew professjoni*' għal liema jirreferi l-Artikolu 1324 tal-Kap. 16. B'dan l-artikolu, il-komunjoni tintrabat fil-konfront tat-terz, anke meta att straordinarju jsir minn konsort wieħed biss, basta li jkun '*att normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni*'. F'tali każ, it-terz kreditur jista' jdur fuq l-assi tal-komunjoni, u in *subsidium*, fuq il-beni parafernali ta' dak biss fost il-konjuġi li għamel in-negozju u daħal fir-responsabbiltà kontrattwali diretta (artikolu 1330(b) tal-Kap. 16). Il-mara, il-konvenuta f'dan il-każ, hija responsabbli biss sa sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Claudette Gauci vs Paolo Bonnici Limited et, tad-9 ta' Ottubru 2003:

> "*Kieku att straordinarju li hu att normali ta' gestjoni ta' kummerc ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunx hemm lok tar-regola introdotta bl-artikolu 1324, ghax bhala att straordinarju ezercitat minn konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti fih innifsu. L-iskop ta' l-artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn*

*konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan ta' l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert.*

*Dan johrog car ukoll minn ezami tal-artikolu 1330 tal-Kodici Civili. Dan l-artikolu jghid li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux bizzejjed biex jithallsu d-djun li jkunu piz fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom in subsiduim kontra l-beni parafernali tal-mizzewgin. B'dan pero', li jekk id-dejn in kwistjoni (u hawn qed nitkellmu fuq djun tal-komunjoni) jinholoq mill-esercizzju ta' negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324, allura l-kredituri jistghu jinfurzaw dak id-dejn in subsidium fuq l-assi parafernali biss tal-parti li holoq dak id-dejn. Dan l-artikolu jikkonferma u, fil-fatt, qed jassumi li dejn mahluq kif imsemmi fl-artikolu 1324, huwa dejn tal-komunjoni, u huwa biss in subsidium li min holoq dak id-dejn ikun responsabbli ghalih bil-beni parafernali tieghu.*

*Il-ligi holqot sistema fejn qed tipprova tibbilancja l-interess ta' kull min hu interessat. Minn naha l-wahda, ghandek in-negozjant li, biex imexxi n-negozju tieghu fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti, m'ghandux ghalfejn ikaxkar lill-martu mieghu biex din takkumpanjah ghal kull att li jghamel, u t-terz jaf li, avvolja qed jinnegozja mar-ragel biss, warajh hemm il-komunjoni. Il-mara, ftit jew wisq, qed tiehu riskju ghax tista' ssib il-komunjoni mghobbija b'pizijiet ta' natura straordinarja li ghalihom ma tatx il-kunsens. Kontra dan, pero', ghandha mhux biss il-fakolta' li ccahhad lil zewgha milli jkompli jamministra l-komunjoni, taht l-artikolu 1325 tal-Kodici Civili, izda l-privilegg li tara li gidha parafernali ma jkunux jistghu jitmessu mill-kredituri tal-komunjoni, u dan peress li dak l-att inholoq taht l-artikolu 1324. Il-ligi, bl-artikolu 1324, holqot eccezzjoni ghar-regola li att straordinarju mahluq minn konsorti wiehed ma jippregudikax il-komunjoni tal-akkwisti, b'dan, pero', li dik l-eccezzjoni ma twassalx ghall-effetti kollha tar-regola generali, u cioe', li l-mizzewgin jaghmlu tajjeb in subsidium b'gidhom personali ghad-djun tal-komunjoni.*

*Dejn maghmul ai termini tal-artikolu 1324, jorbot lill-komunjoni tal-akkwist, u in soliduim, il-beni parafernali ta' dak biss li ta' lok ghal dak id-dejn.*

*L-obbligazzjoni in kwistjoni hi, allura, mhux biss obbligazzjoni valida li holoq ir-ragel ai termini tal-artikolu 1324 tal-Kodici Civili, izda wkoll hi obbligazzjoni li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-konjugi Gauci.*

*L-attrici, f'din il-kawza, ghamlet riferenza wkoll ghall-fatt li, fil-frattemp, hi u zewgha ghamlu kuntratt li bih itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u addottaw is-sistema tas-separazzjoni tal-beni. Dan il-kuntratt, pero', sar wara li gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni u wara li nholqu d-debiti li hargu minn dak il-ftehim. Dan il-kuntratt, ghalhekk, m'ghandux ikun ta' pregjudizzju ghall-interessi tal-kredituri li johorgu mill-ftehim in kwistjoni. Fil-fatt, l-artikolu 1244 tal-Kodici Civili jiddisponi li l-koppja tista' tbiddel ir-regim ekonomiku taz-zwieg, pero', dan isehh "minghajr hsara tal-jeddijiet tat-tfal jew ta' terzi persuni".*

*Ikun facli, altrimenti, ghad-debitur mizzewweg li, wara li jidhol fi djun bil-komunjoni tal-akkwisti taghmel tajjeb, jnaqqas jew adirittura inehhi din il-garanzija, billi jillikwida l-komunjoni u jassenja l-gran parte tal-oggetti lill-martu. Dan zgur m'ghandux jigi permess. Il-kuntratt ta' terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhux, ghal din ir-raguni, qed jigi annullat, ghax dak ghandu jitqies validu, izda m'ghandux ikollu effett li jippregudika t-terzi. La darba giet xolta u deviza l-komunjoni, id-djun tal-komunjoni, allura ezistenti, jaqghu fuq il-partijiet individwalment, b'mod li issa, allura, it-tnejn li huma huma obbligati li, bl-assi parafernali taghhom (li issa tinkludi sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti), jaghmlu tajjeb ghad-djun tal-komunjoni li kienu jezistu qabel it-terminazzjoni ta' dak ir-regim jew li huma konsegwenza ta' obbligazzjonijiet assunti waqt l-operat tal-komunjoni tal-akkwisti."*

Il-Qorti tirreferi wkoll fil-kuntest ghad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Three Barrels Limited vs Joan Schembri pro et noe tas-17 ta' Jannar 2013.

L-iskop tal-Artikolu 1324 huwa biex joħloq eċċezzjoni għar-regola ġenerali li nsibu fl-artikolu 1322 fejn jidħlu '*atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju, jew professjoni*'. Dan ifisser li l-komunjoni tintrabat meta att straordinarji jsir minn konsorti wieħed biss, basta li jkun att li jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 1324. Li kieku ma kienx hekk, ma kienx ikun hemm skop għal dan l-artikolu.

Fil-kawża tal-lum ma jiswa xejn li l-attriċi ma kellhiex x'taqsam man-negozju. Wara kollox, hija kienet taf illi l-konvenut kien qieghed jiggestixxi negozju filwaqt illi l-komunjoni tal-akkwisti kienet għadha qed topera bejniethom. Il-fatt illi hi ma kellhiex x'taqsam man-negozju ma jfissirx illi d-dejn in kwistjoni mhuwiex piż fuq il-komunjoni, u issa li ġiet xolta, piż fuq l-assi taż-żewġ konvenuti individwalment.

Il-fatt illi fil-kuntratt ta' separazzjoni l-konvenuti ftehmu li d-dejn ser jassumih il-konvenut lanqas ma jiswa għal finijiet ta' din il-kawża għaliex dan il-kuntratt huwa *res inter alios acta* għall-attriċi, li hi terz estraneju ghall-istess.

Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Central Mediterranean Development Limited vs Direttur tal-Uffiċċju Konġunt et tas-16 ta' Diċembru 2011:

> *"Il-principju generali hu li kuntratt li fih persuna ma tkunx parti, hu res inter alios acta ghaliha. Dan il-principju hu rifless fil-Kodici Civili:-*
>
> *§ Artikolu 992(1) "Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom;" u*
>
> *§ Artikolu 1001 "Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi.""*

Naturalment, jibqa' impreġudikat id-dritt tal-konvenuta għal rivalsa kontra l-konvenut skont dak maqbul fl-imsemmi kuntratt.

Għalhekk u fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonjiet, għandu japplika l-Artikolu 1324 tal-Kap. 16 għall-każ tal-lum u konsegwentment, il-komunjoni tal-akkwisti, llum xolta, u allura l-konvenuta limitatment għall-sehemha mill-assi tal-komunjoni, għandha twieġeb ukoll għat-talbiet attriċi.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tilqa' t-tieni talba attriċi fil-konfront tal-konvenuta limitatament billi tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' tnejn u għoxrin elf, ħames mija u disgħa u sebgħin Ewro u tmienja u ħamsin Ċenteżmu (€22,579.58) bl-imgħax mit-2 ta' Frar 2016, u ċioè mid-data meta l-konvenuta ġiet notifikata bir-rikors tal-attriċi, limitatament però sal-konkorrenza ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-konvenuti u bid-dritt ta' rivalsa li qed tiġi riservata favur tagħha kontra l-konvenut Saviour Muscat.

L-ispejjeż jithallsu mill-konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG